Minuti tal-41 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 4 ta' Novembru, 2015. Il-laqgha nbdiet hin 2.12pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Shirley Ann Cecchini<br>Anthony Camilleri |
| **Ufficjali:**<br>Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-40 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Inawgurazzjoni tal-Monument ta' l-Isqof Emeritu Nikol G. Cauchi**

2.1 Is-Sindku spjega li kif diga gie diskuss waqt l-ahhar laqgha l-Monument issa jinsab Sqallija sabiex ikun jista' jsir tal-Bronz. Huwa ghandu jkun hawn il-Gimgha d-diehla fejn ser jingab mid-ditta li qeghda taghmlu tal-Bronz fejn ser ikum hawn fil-post fil-hin.

L-spiza ta' dan il-monument ser tkun ta' €9,800 ghax-xoghol tal-artist il-Kav Adonai Camilleri Cauchi u €15,340 ghal bronz ghad ditta Fonderia Cacciabaudo u dan skond l-offerta li kienet intefghet u intrebhet minn Camilleri Cauchi. Is-Sindku spjega li l-Ministeru ghal Ghawdex kien ser jikkontribwixxi s-somma ta' €10,000. Dwar il-padestal infethu z-zewg kwotazzjonijiet mitfuha ta' A.F. Ellis kienet ghall-ammont ta' €3,186.00 u ta' C. Sare kienet ghall-ammont ta' €4,800.00. Il-Kunsill qabel fuq l-irhas offerta' li kienet ta' A.F. Ellis. Il-Kunsill qabel unanimamet mal-ispiza totali relatata.

Is-Sindku issugerixxa li f'dan il-kaz ghandha ssir parcmina biex titpogga gewwa l-bazi tal-monument. Din il-parcmina tigbor fiha informazzjoni dwar il-monument, ecc. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment tas-Sindku.

Kif sar qbil precedentament l-Inawgurazzjoni ghandha ssir il-Hadd 15 ta' Novembru fl-anniversarju tal-hames snin mill-mewt tieghu. Jekk jinqala' xi haga l-invitati jigu notifikati.

Bhala program is-sotto kumitat kien iddiskuta li jsir marc minn fejn id-dar ta' l-Isqof Cauchi segwit b'tlett diskorsi dwar il-hidma pastorali mil-Arcidjaknu Mons Giovanni Gauci, hidma socjali mis-Sur Joe Psaila u hidma letterjara mis-Sur george Mercieca, diskors mill-Ministru ghal Ghawdex, diskors mis-Sindku, diskors mill-Isqof u Inawgurazzjoni tal-Monument. Apparti dan is-Sur Joe Psaila kollaboratur ta' l-Isqof kien kiteb poezija u s-Sindku talb lis-Surmast Antoine Mercieca jikteb Cantata sabiex il-muzika taghha tkun tista' tindaqq fil-gurnata. Ghal din il-Cantata ikantaw s-Sopran Christiana Cassar, Tenur George Mercieca u t-tfajel Albert-Lauren Agius.

Is-Sindku issugerixxa li ghal okkazjoni tkun tista' ssir pubblikazzjoni zghira sabiex tigi moghtija lill-persuni li jkunu hawn ghall-okkazjoni. Il-Kumitat issugerixxa ukoll li kollox isir fuq bazi nazzjonali.

Saret diskussjoni ukoll dwar jekk hux possibli jigu mistiedna l-President u persuni ohra distini pro is-Sindku sahaq li il-precidenza ghanda tibqa' f'idejn il-Ministru Anton Refalo u ikun hu dak li jinawgura l-monument.

F'kaz li jkun il-maltemp s-sotto kumitat issugerixxa li l-attivita' ssir gewwa l-Knisja u l-inawgurazzjoni biss issir fuq il-post.

Il-Kunsill qabel mall-programm propost u ghandu jmexxi bil-hidma tieghu.

**3.0 Skeda ta' Pagamenti**

3.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet appruvata unanimament mill-Kunsill.

3.2 Gew prezentati l-kontijiet ghad-diskussjoni dwar il-progett tal-M313 fejn gie spjegat li fil-BOQ fejn kien hemm varjanzi. Dwar l-item 15A kien spjegat li hemm differenza tal-uzu tar-rubber u dan peress li originarjament kien mahsub li l-parti ta' wara tal-lasti m'ghandux isir bir-rubber pero' waqt l-andament tax-xoghol gie innotat li jekk dan ma jkunx estiz ser ikun difficli ghall-atleta sabiex idur mad-dawra u fl-istess hin kienet ser tinghata dehra ta' prodott finali mhux komplut.

Apparti dan gie innotat li hemm extras b'total ta' €9,157.48. Saret diskussjoni dwar dan fejn il-Kunsill qabel unanimament li l-item 15A ghandha tinkludi fiha r-rubber extra li sar u l-Kunsill ghandu jipprocedi bix-xogholijiet li saru bl-ammont ta' €9,157.48.

**4.0 Korrispondenza u materji ohra**

4.1 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill qed jigi infurmat li huwa fl-obbligu tieghu skond l-Artiklu 33 (1)(1) li jipproponi lill-Ministru responsabbli mill-edukazzjoni, persuni biex jinhatru bhala president ta' kunsilli ta' skejjel primarji. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja fejn is-Sindku ippropona lis-Sur Massimo Briffa ta'Palma, Pjazza Gerano ghal din il-kariga. Huwa qal li fl-opinjoni tieghu s-Sur Briffa jahdem fis-settur privat, huwa missier u dan jista' jghin biex l-iskola tibqa' mixja 'l quddiem. Huwa zied jghid li diga tkellem mieghu u infurmah li ser jipproponih u huwa qal li jekk il-Kunsill jinnominah u tigi accettata n-nomina

tieghu dan ser jaghti l-ghajnuna tieghu mill-ahjar. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din in-nomina tas-Sur Briffa bhala President ghall-Kunsill skolastiku.

4.2 Minghand il-MEPA fir-rigward ta':
Applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp numru PA3891/15, PA3903/15, PA1902/15, PA2247/15, PA3997/15,PA4018/15 u PA4034/15
Wied tal-Ispizjar - *To construct dam for water retention* - Submission of Application following Screening Letter.

4.3 Minghand il-Moviment Kerygma fir-rigward ta' Nominazzjoni Premju Zghazugh tas-Sena 2015. Saret diskussjoni fejn is-Sindku issugerixxa li jigu nominati l-grupp ta' Zghazagh li marru f'missjoni l-Albania flimkien ma' Fr Dominic kif ukoll lil grupp li kienu marru l-Africa fuq missjoni maghmul minn Charlene Attard, Ruben Camilleri Cauchi u George Sultana. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandhom jigu nominati l-grupp ta' zghazagh li marru l-Albania. Fil-kaz tal-grupp l-iehor peress li uhud minnhom ghandhom iktar minn tletin sena u ghalhekk ma jikkwalifikawx il-Kunsill ghandu jiccekkja jekk dawn jistghux jigu nominati u fil-kaz tintefa' n-nomina ukoll.

4.4 Minghand il-Kumitat ta' l-Ismijiet tat-toroq fejn dan talab li l-Kunsill jaghmel survey man-nies ta' l-Area ta' San Pietru dwar l-ismijiet tal-isqaqien pero' m'ghandux ikun hemm bdil fl-indirizzi tar-residenti.

Is-Sindku talab li jinterrompi l-laqgha peress li kien qed jircievi telefonata minghand l-Onorevoli Ministru Anton Refalo. Il-laqgha kompliet u s-Sindku spjega li l-Onorevoli Ministru tkellem mieghu dwar it-talba tal-Kunsill sabiex Triq il-Knisja tinbidel ghal Triq l-Isqof Nikol G. Cauchi. Huwa zied jghid li min-naha tal-Ministeru ma kienx hemm oggezjoni pero' kien spjegat lilu li ser ikun hemm spiza ghar-residenti minhabba l-bdil ta' l-ID Cards u *credit cards* tal-banek. Il-Kunsill iddiskuta mill-gdid it-talba tal-Kunsill u kien hemm qbil unanimu li dan il-process ghandu jitkompla bix-xewqa li ma jintilifx aktar zmien sabiex din tkun parti mill-Kommemorazzjoni tal-hames snin anniversarju tal-mewt tal-Isqof Nikol G. Cauchi iben din l-Lokalita'.

Dwar l-ispiza l-Kunsill qabel li peress li din hija proposta li gejja mill-Kunsill, il-Kunsill ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez involuti fir-rigward tal-bdil ta' l-ID Cards u spejjez ohra relatati. Il-Kunsill qabel unanimament

Is-Sindku issugerixxa li ghandu issir komunikat mall-ufficcju elettorali sabiex il-process tat-tibdil sa fejn possibli jsir fis-sala tal-Kunsill f'granet li jkunu proposti mill-ufficcju elettorali stess u dan wara li tintbghat ittra lir-residenti kollha involuti ndividwalment u mhux bhala familja. Dan ghandu jwassal ghal inqas inkonvenjent lil dawk involuti. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.5 Minghand l-Gharb Club of Melbourne fejn il-Kunsill gie mitlub li waqt l-Infiorata ta' l-2016 jinkludi bhala wahda mit-tema l-emblema ta' dan il-kumitat f'okkazjoni ta' l-10 snin mit-twaqqif tieghu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Fuq din l-istess tema, s-Sindku informa lill-Kunsill li l-Arcipriet kien ta lura d-disinni ta' l-Infiorata kif kien mitlub. Is-Sindku isugerixxa sabiex titwaqqaf fondazzjoni fejn l-Arcipriet ikun ic-chairman tal-Kumitat u membru iehor ghandu ikun raprezentant tal-Kunsill u ikollu il-kariga ta' segritarju u membri ohra skond kif ikun deciz in-numru. Din il-fondazzjoni tigi registrata u titwaqqaf kif suppost bl-istatut u tkun registrata mal-Kummisarju tal-voluntarjat. Kif titwaqqaf id-disinni originali jinghataw lil din il-fondazzjoni pero dawn ghandhom jibqew propjeta tal-Kunsill u jekk tinhal xi darba di il-fondazzjoni id-disinji originali ghandhom jergew lura ghand il-Kunsill. Ta' Kull sena ghanda issir zewg kopji li wahda tinzam mil-Kunsill u ohra tmur ghand il-fondazzjoni. L-original ma ghandux jinzamm ghal wiri minhabba li dan jista jitlef il-kulur u tista isirlu hsara.

Il-Vici Sindku qalet li hija ta' l-opinjoni li l-original jinzamm il-Kunsill ghax jekk jinbidel l-Arcipriet jew jekk jigri xi haga ohra dawn jistghu jintilfu. Rega gie spjagt dak liintqal aktar il-fuq. Kundizzjonijiet ta' l-istatut ghanda tishaq li jekk xi darba jigri xi haga d-disinni li huma imhalsa mil-kunsill jirritorna l-Kunsill. Min-naha tieghu l-Kunsill jibqa' jikkontribwixxi b'mod finazjarju. Is-Sindku zied jghid li din il-fondazzjoni tkun tista' taghti assikurazzjoni li l-Infiorata tibqa' tigi organizzata. Dan kien ukoll l-ghan principali meta l-Kunsill iddecieda li jghaddiha lil tal-festa biex jibdew jiehdu hsiebha huma. Jekk titwaqqaf fondazzjoni jistghu ukoll jinholqu okkazjonijiet fejn dawn japplikaw anke ghall-fondi u tkun mezz kif tinfetah aktar kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-Parrocca. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandu jara x'hemm bzonn jsir u jitlob lill-Avukat li jsir draft ta' statut ghal dan il-kaz. Sar qbil ukoll sabiex l-Arcipriet jigi mistieden waqt laqgha u mgharraf dwar l-ideja tal-Kunsill sabiex titwaqqaf din il-fondazzjoni.

4.6 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fir-rigward ta' Kors Ghaqal id-Dar. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien applika sabiex dan il-kors li jinkludi fih kif wiehed ghandu jmexxi d-dar u l-familja u li ghandhu b'kollox ghaxar lezzjonijiet jibda' jsir fil-Kunsill. Dan il-kors ser jibda' f'Jannar. Is-Sindku issugerixxa li ghandu jigi avvicinat l-Arcipriet biex jghin fl-organizazzjoni ta' dan il-kors anke billi javvicina lin-nies. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi fl-organizazzjoni dan il-kors.

4.7 Minghand Sky Sound Systems dwar kwotazzjoni fuq servizzi ta' PA.

4.8 Il-Kunsill iddiskuta VL mhux utilizzat minhabba esigenzi ta' xoghol mill-impjegati tal-Kunsill matul is-sena 2015: Segetarju Ezekuttiv sal-gurnata 152.35hrs, skrivana/librara sal-gurnata 122.75hrs u haddiem CIES 188.75hrs. Huwa previst li l-bilanc t'hawn fuq ikun ridott kif gej peress li d-differenza ser tittiehed sa l-ahhar tas-sena Segretarju Ezekuttiv 96hrs, skrivana / librara sal-gurnata 96 hrs u haddiem CIES 96hrs. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-VL mhux utilizzat matul 2015 ghandu jkun trasferit ghas-sena 2016.

4.9 Is-Sindku spjega li meta kien qed jigi ippjanat il-monument kellu laqgha mas-Sur Silvio Felice dwar il-faccata tieghu mhux biex iwaqqaf pero' s-Sur Felice qal li dan il-monument ser ikun qed jitpogga mall-faccata tieghu u ghalhekk talab kumpens. Is-Sindku issugerixxa li dan jinghata kontribut skond il-limiti tal-Kunsill wara li jsir ftehim skond ir-regolamenti taghna. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li huwa gust li ghandu jaghtih kontribut.

Spiteri O.

4.10 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivita' tal-*car free day* fejn gie innotat li din l-attivita' irnexxiet u l-President kienet sodisfatta. Waqt l-attivita' ingabru ukoll flus ghall-*Community Chest Fund* fil-kaxxa provduta. Saret diskussjoni ukoll dwar dawn il-kaxxi tal-Community Chest Fund li tqassmu s-sena l-ohra fejn il-Kunsill qabel li ghandu jibda' minn issa iqassam il-kaxxi u l-envelopes biex jibda' jigbor id-donazzjonijiet.

4.11 Bhala xogholijiet li ghandhom ghaddejin hemm ta' Triq Birbuba u Triq Virtu'. Kif kien hemm qbil fil-laqgha precedenti x-xogholijiet ser jibdew minn Triq San Dimitri sabiex kif ikun qed isir ix-xoghol fil-parti d-dejqa ta' Triq Birbuba jkun hemm minn fejn jghaddu r-residenti. L-applikazzjonijiet gew sottomessi u ser jinbidlu xi livelli li jaqilbu ghal xi moghdija sabiex it-triq ma tibqax izomm l-ilma u jsirilha l-hsara. Sandanittant intalbet stima tal-livelli biex isir kollox kif suppost. Fir-rigward ta' Triq Virtu' l-Enemalta baqghet ma rrispondietx u ghalhekk il-Kunsill irid jara pass pass x'ser jigri.

4.12 Anthony Camilleri semma l-Fiera fil-Berah li ssir darba fix-xahar fejn issugerixxa li jkun hemm bins ghar-rubbish peress li dawn ihallu hafna hmieg warajhom. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintuzaw il-bins li jintuzaw waqt il-fesa sabiex jinfeta' l-hmieg gewwa fihom u l-haddiem tal-Kunsill jigi mitlub inaddaf wara li jzarma l-monti.

4.13 Il-Vici Sindku qalet li fi Triq l-Gharb fl-area ta' fejn in-nicca qed ikun hemm hafna hmieg. Il-Kunsill qabel li ghandna inkellmu lil tal-Public Cleansing u nitolbu ukoll lil Enemalta sabiex iwahhlu tye clips fil-bidu ta' Triq il-Knisja faccata ta' fejn twahhlu biex ma joqghodx hammiem fuq il-wires.

4.14 Gie spjegat li ghada l-Hamis jew il-Gimgha l-Artist Adonai Camilleri Cauchi ser jitla' Sqallija biex jara l-monument bix-xema' halli jekk ikun hemm bzonn ta' xi irtokk ikun jista' jaghmlu.

4.15 Is-Sindku informa lill-Kunsill li jekk ikun hemm il-bzonn minhabba l-inawgurazzjoni tissejjah laqgha l-gimgha d-diehla.

**5.0 Aggornament**

12.0 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 2 ta' Dicembru, 2015.

12.1 Il-laqgha spiccat hin 3.15pm.

Konfermati minn

David Agius Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv